MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 546/2002/1

**Cannon Services Limited**

**VS**

**Paul Licari**

It-Tribunal :

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm1,145.81) hlas dovut ghal xoghol li sar fuq inkarigu tal-konvenut. Bl-ispejjez legali nkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Frar, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tax-xogholijiet sad-data tal-pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez, u dana stante (**1**) illi l-konvenut

mhuwiex il-legittimu kontradittur billi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, (**2**) illi l-konvenut qatt ma kien inkariga lis-socjeta' attrici biex tghamel xi xogholijiet izda kien inkariga lis-socjeta' MacPhersons Mediterranean Co. Ltd., (**3**) illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-gudizzju mhux integru stante illi ma gietx imharrka l-mara tal-konvenut, (**4**) illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili bit-trapass tat-tmintax il-xahar minn meta gew terminati x-xogholijiet, (**5**) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mhux dovut u dana stante illi x-xogholijiet li ghalihom qieghed jintalab il-hlas ma sarx skond is-sengha u l-arti, kif ukoll intuzaw materjali difettuzi, u dana stante illi gimghatejn biss wara illi kienu gew terminati x-xogholijiet ta' tikhil u zebgha fis-swimming pool tal-konvenut, iz-zebgha bdiet titqaxxar u l-kisi beda jinqala, (**6**) illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija u stante illi x-xoghol hazin ma giex irrangat, il-konvenut ma kellux alternattiva ohra hlief illi jinkariga kuntrattur iehor sabiex jaghmel ix-xogholijiet necessarji, (**7**) illi ghall-motivi imsemmija, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes. Salv eccezzjonijiet ohra, u b'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni spettanti lill-konvenut senjatament dik ghad-danni.

Ra in-nota tas-socjeta' attrici datata 21 ta' Mejju, 2002, li permezz taghha l-ammont tas-sorte gie ridott ghall-tmin mija, tnejn u sittin lira Maltin, erba u sittin centezmi (Lm862.64).

Ra s-sentenza in parte moghtija mill-istess Tribunal fil-11 ta'Gunju, 2002, li permezz taghha cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez kontrih.

Semgha lix-xhieda bil-gurament u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

**IKKUNSIDRA :**

Fl-ewwel lok it-Tribunal ma jaqbilx mat-tielet eccezzjoni tal-konvenut fejn jsostni li l-gudizzju mhux integru l-ghaliex ma gietx imharrka martu bhala konvenuta mieghu. Dan l-hekk imsejjeh nuqqas bla ebda mod ma jwassal ghan-nullita' ta' dawn il-proceduri. Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet Vicent Agius pro et noe vs Mario Borg et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003 [Imhallef P. Sciberras]:-

*"ir-ragjon d'essere ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali; l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita' tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipa fl-istess gudizzju; it-tielet, biex jigi rispettat il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha"*.

Mill-provi rrizulta li l-pool tinsab fid-dar tal-konvenut u kienu hu li akkorda u nnegozja mas-socjeta attrici. Ghalhekk jidher li l-gudizzju huwa diga' integru. Kieku mart il-konvenut kellha nteress li tidher f'dawn il-procedura setghet facilment titlob li tintervjeni *in statu et terminis*.

Din l-eccezzjoni qeghda ghalhekk tigi michuda.

**IKKUNSIDRA :**

Permezz ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' Lm862.64c li hi tghid li hu l-bilanc ta' prezz ta' xogholijiet li ghamlet fis-swimming pool tal-konvenut fid-dar tieghu w fuq inkarigu tieghu. Fil-fatt dan ma hu bilanc xejn izda il-

prezz shih tax-xoghol li allegatament sar mis-socjeta' attrici.

Ghal din it-talba il-konvenut ghandu diversi eccezzjonijiet. Jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni tidher li hija sussidjarja jew konsegwenzjali ghat-tieni wahda. Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jghid li hu qatt ma nkariga lis-socjeta' attrici biex tghamillu xi xoghol fil-pool tieghu, izda kien inkariga lis-socjeta' Macphersons Mediterranean Co. Limited, filwaqt li fl-ewwel eccezzjoni tieghu hu jghid li hu mhuwiex il-legittimu kuntradittur tas-socjeta' attrici ghaliex ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnithom.

It-Tribunal, ghalhekk, ghandu jara jekk effettivament ix-xoghol in kwistjoni nghatax mill-konvenut lis-socjeta' attrici jew, kif qed jghid il-konvenut, lis-socjeta' l-ohra imsemmija mill-konvenut.

**IKKUNSIDRA :**

Illi ma hemm ebda dubju li kien sar xoghol fil-pool tal-konvenut u li dan sar f' zewg okkazzjonijiet mis-socjeta' attrici. L-ewwel okkazzjoni kienet ghall-habta ta' l-ahhar ta' Marzu, 2000, fejn sar xoghol ta' "micro-blasting". Skond Dennis Bartolo, il-General Manager tas-socjeta' attrici, u li kien personalment spezzjona dak li kellu jsir fil-pool tal-konvenut fuq rikjesta ta' dan u fil-presenza ta' l-istess konvenut, il-'micro-blasting' huwa sistema biex titnehha zebgha antika li jkun hemm fil-pool minghajr ma ssir hsara lill-kisi li jkun hemm taht l-istess zebgha.

Jirrizulta li ta' dan l-ewwel xoghol bil-"micro-blasting", is-socjeta' attrici bghatet il-kont taghha lill-konvenut, skond l-Invoice numru 2000, datata 7 ta' April, 2000, fl-ammont ta' Lm395.52 (fol 18).

It-tieni okkazzjoni ta' xoghol li s-socjeta' attrici qed tghid li ghamlet lill-konvenut fil-pool tieghu kienet f' April, 2000, fejn gie applikat il-materjal "Elastoflex" peress li waqt l-ewwel xoghol bdew jidhru xi qsim 'hairline' fil-pool. Ghal din it-tieni fazi ta' xoghol, is-socjeta' attrici bghatet Invoice

ghall-hlas lill-konvenut skond kif jidher mill-Invoice numru 5300, datata 21 ta' Gunju, 2000, ghall-amont totali ta' Lm862.84c (l-ammont kollu tas-sorte) esebita a fol 17.

**IKKUNSIDRA :**

Illi filwaqt li Bartolo jghid li hu dejjem gie nkarigat mill-konvenut biex jghamel dawn ix-xogholijiet u li fil-fatt kien ipprovdielu stima bil-mitkub ghalihom fuq talba tal-konvenut li dan accetta, minn naha tieghu l-konvenut jghid li ghalkemm hu minnu li kellu dawn l-inkontri ma' Bartolo u kien ftiehem mieghu biex isir ix-xoghol, hu, izda, qatt ma kien jaf, jew gie mgharraf, li Bartolo kien qed jidher ghas-socjeta' Cannon Services Limited u li x-xoghol kien ser isir minnha. Hu jghid li l-ewwel kuntatt li kellu kien ma' certu Magri Overend tas-socjeta' Macphersons Mediterranean Co. Ltd, li ssuggerielu lill-Bartolo. Il-konvenut ghalhekk jghid li baqa' dejjem taht l-impressjoni li Bartolo kien qed jidher ghal Macphersons. Hu proprju ghalhekk li l-konvenut jghid li qatt ma nkariga lis-socjeta' attrici. Madankollu din hija semplici impressjoni u mill-provi rrizulta li Dennis Bartolo kien jopera permezz tal-kumpannija attrici.

**IKKUNSIDRA :**

Illi mehuda in kunsiderazzjoni l-provi kollha fil-komplessivita' taghhom, it-Tribunal jara li hu difficli ghalih li jemmen din l-allegazzjoni tal-konvenut. Bartolo xehed u qal li lill-konvenut bghatlu zewg stimi bil-miktub fuq letterheads tas-socjeta' attrici, bghatlu z-zewg invoices esebiti bl-istess manjiera, bghatlu diversi statements u reminders. Dak li qed jghid il-konvenut hi biss impressjoni, u mhux certezza. Li hu zgur hu li s-socjeta' attrici ghamlet ix-xoghol in kwistjoni fil-pool tal-konvenut u fit-totalita' taghhom il-provi jikkonvincu lit-Tribunal, sal-grad rikjest mil-ligi, li s-socjeta attrici tat is-servizz taghha u li ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-konvenut u l-kumpannija Macphersons Mediterranean Co Ltd. Dan

apparti l-fatt li l-konvenut naqas li jisssostanzja t-tieni eccezzjoni tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal jiddeciedi li din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontrih, u bil-konsegwenza li qed tigi respinta wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

**IKKUNSIDRA :**

Fil-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut, li wkoll huma marbutin ma' xulxin l-ghaliex is-sitt eccezzjoni tiddependi fuq l-ezitu tal-hames wahda, il-konvenut qed jghid li fi kwalunkwe kaz ix-xoghol in kwistjoni kien sar hazin u mhux skond is-sena w l-arti, u li, ghalhekk, gja' la darba dan ix-xoghol ma giex irrangat mis-socjeta' attrici, hu kellu jqabbad kuntrattur iehor biex jghamel dan ix-xoghol.

Illi l-konvenut qed jibbaza l-hames eccezzjoni tieghu, dik tax-xoghol hazin, fuq il-fatt li xi ftit granet wara li nies minn tieghu kienu taw tlett passati zebgha fil-pool, fuq il-materjal Elastoflex li kienet applikat is-socjeta' attrici, bdew jinqalghu xi 'patches' mill-kisi u zebgha tal-pool u jitilghu f' wicc l-ilma.

Illi dan kien minnu bhala fatt rizultanti, izda wiehed ghandu jara jekk jikkonkludiex li dan kien dovut ghal xoghol li kien sar hazin mis-socjeta' attrici, jew kienx dovut ghal xi nuqqas da parti ta' l-istess konvenut.

Min-naha l-ohra huwa maghruf li min jintraprendi xoghol [kif ghamlet is-socjeta attrici] ghandu l-obbligu li jezegwixxi dak ix-xoghol *"secondo l dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita ordinaria"* [Vol. XXVII.i.373]. Imbaghad, *"min jintraprendi li jaghmel bicca xoghol iwiegeb ghad-difetti minhabba xoghol hazin jew ghal xoghol ezegwit b'materjal hazin. Ghalhekk il-kommittent li jidhirlu li x-xoghol sar hazin ghandu dritt jitlob li jigi*

*verifikat, permezz ta' perizja teknika, jekk il-hsara li timmanifesta ruhha hijiex dovuta ghal difetti ta' l-arti tat-tqeghid jew tal-materjali"* (Vol. XLI.i.667).

**IKKUNSIDRA :**

Bartolo jghid li wara li tlesta x-xoghol ta' l-Elastoflex u ghattew il-pool bhala protezzjoni mir-raggi tax-xemx biex il-"curing time" ta' dan il-prodott jiehu z-zmien tieghu skond l-ispecifications tieghu, hu kien informa lill-konvenut biex ihalli sebgha (7) tijiem jghaddu qabel ma jizbogh il-pool, dan biex il-kisja ta' l-Elastoflex tkun nixfet sewwa.

Jirrizulta li fil-fatt il-konvenut qabbad nies minn tieghu biex jizbghu l-pool wara biss tlett tijiem li kien sar ix-xoghol bl-Elastoflex u ma halliex is-7 tijiem jghaddu kif kien irrakkomandalu Bartolo. Skond il-konvenut, u dan mill-affidavit tieghu stess, ftit granet wara li tlesta x-xoghol bl-Elastoflex, il-konvenut kien cempel lill-Bartolo biex jistaqsih jekk setghax jizbogh il-pool, dan qabel ma ghaddew is-7 tijiem imsemmija. Ighid li Bartolo kien qallu li setgha jekk dejjem pero' l-Elastoflex kien nixef sewwa. Min-naha tieghu r-rapprezentant tas-socjeta attrici xehed:- *"Meta tlesta x-xoghol u tlett ijiem wara jiena rajt in-nies jizbghu l-pool, jien kont gharraftu lill-konvenut illi kien qieghed isir hazin. Ninsist li lil Paul Licari jiena ghidtlu b'dan il-fatt"* [fol. 77].

Jirrizulta li fil-fatt il-konvenut qabbad lill-Eddie Aquilina sabiex jizbogh il-pool bin-nies tieghu, kif fil-fatt sar u dawn taw tlett passati ta' zebgha, dejjem qabel ma ghaddew l-imsemmija 7 tijiem. Sussegwentement, wara xi ftit granet li tlestiet iz-zebgha, bdew jidhru l-imsemmija 'patches'. Bartolo jghid li dan kien dovut ghall-fatt li l-konvenut ma kienx halla s-7 tijiem jghaddu biex l-Elastoflex jinxef sewwa u kif suppost skond l-ispecifications tieghu. Jghid li ma kienx ghadda zmien bizzejjed biex jiehu il-'curing time' tieghu. Minn naha tieghu il-konvenut jghid li dan kien dovut ghax-xoghol hazin li sar mis-socjeta' attrici.

**IKKUNSIDRA :**

Anke hawnhekk, it-Tribunal ma jaqbilx ma' din il-konkluzzjoni tal-konvenut. Ma ngabet l-ebda prova da parti tieghu li turi li x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici kien hazin u mhux skond is-sengha w l-arti. Il-fatt li nqala' xi *patches* tal-kisi li sar bl-Elastoflex m'hijiex prova konklussiva li x-xoghol sar hazin. Materja bhal dik li qeghda tigi ezaminata hija wahda essenzjalment ta' fatt u ta' accertamenti teknici. It-Tribunal m'ghandu l-ebda prova quddiem li x-xoghol li sar mis-socjeta attrici sar mhux skond is-sengha u l-arti.

Hu ferm aktar verosimili li dak li gara hu unikament dovut ghall-fatt li l-konvenut ma halliex is-7 tijiem tal-'curing time' ta' l-Elastoflex jghaddu qabel ma nkariga lill-Eddie Aquilina biex jizbogh il-pool. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut kien mghaggel biex ilesti l-pool peress li kienu ser jaslu xi familjari tieghu minn barra li kienu ser joqghodu mieghu u riedhom juzaw il-pool. Din ta' l-ghagla jghidha l-konvenut stess, kif ukoll Eddie Aquilina li qal li x-xoghol taz-zeba sar mghaggel.

Illi barra minn hekk, jirrizulta mill-provi, u precizament minn dak li xehed dan Aquilina, li xi haddiema tieghu kienu nnutaw, u dan qabel ma taw l-ewwel passata taz-zebgha, li kien ghad hemm partijiet mill-kisi, partikolarment fl-art tal-pool, li ma kienx ghadu nixef. Ix-xhud qal:-

*"Niftakar illi fis-swimming pool jiena rajt xi partijiet illi kienu ghadhom mhumiex niexfin. Kien l-impjegat tieghi li attirali l-attenzjoni li kien hemm xi partijiet ghadhom ghadhom ma nixfux. ……. Qalli li kien hemm certi postijiet fl-art illi kien qiesu jdellek"* [Fol. 86]. Kompla jghid:- *"Kien wara l-ewwel passata illi l-impjegat lili qalli illi kien hemm xi partijiet mill-art tal-pool li ma kienitx niexfa"* [fol. 88].

Din hi xhieda jew prova importanti li turi li ma kienx ghadu ghadda zmien bizzejjed ghal *'curing'* ta' l-Elastofelx qabel ma bdiet tinghata z-zeba lill-pool. Dan juri li filwaqt li

Bartolo ha l-prekawzjoniojiet necessarji u avza lill-konvenut biex ma jatix zebgha qabel ma jghaddu 7 tijiem, min-naha tieghu l-konvenut ma zammx ma' dawn l-istruzzjonijiet u beda biz-zebgha l-ghaliex kien mghaggel ghar-raguni gja' imsemmija. Ghalhekk hu ferm verosimili jew probabbli li dak li gara wara meta bdew jinqalghu l-'patches' hu dovut ghan-nuqqas da parti tal-konvenut, u s-socjeta' attrici ma ghandha ebda tort f' dak li gara.

Xehed ukoll Pierre Cachia [seduta tal-10 ta' Dicembru 2002 – fol. 51] li ghamel xoghol fuq il-pool in kwistjoni. Huwa stqarr:- *"jiena personalment inzilt ukoll fil-pool. Fil-fehma tieghi, il-hsara li kien hemm fil-pool, il-kagun taghha ma kienx ghaliex din damet ma mtliet – jigifieri kienet esposta ghar-raggi tax-xemx. Minn dak li rajt, jiena nemmen li l-kisja li saret ma qabditx bizzejjed mal-materjal li kien hemm tahtu, jigifieri l-kisi ta' qabel"* [fol. 53]. Ix-xhud ma semmiex raguni ghalfejn gara hekk.

Fil-fehma tat-Tribunal pero' mix-xhieda jidher li din ma kienetx xi kwistjoni ta' xoghol hazin maghmul mis-socjeta' attrici, u, kwindi, din il-hames eccezzjoni qed tigi michuda bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Il-konsegwenza naturali ta' din id-decizjoni hi li, allura, anke is-sitt eccezzjoni ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-konvenut. Jekk, u dan kif hi l-fehma ta' dan it-Tribunal, il-hsara li saret hi dovuta unikament ghan-nuqqas da parti tal-konvenut, is-socjeta' attrici qatt ma tista' tigi kunsidrata responsabbli ghall-fatt li l-konvenut kellu jqabbad lil xi kuntrattur iehor biex jghamillu ix-xoghol ta' riparazzjoni.

Ghal dawn il-motivi kollha, ghalhekk, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Paul Licari, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-imsemmi konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm862.64c ghax-xoghol li hi ghamlet fuq inkarigu tieghu fil-pool tieghu. Bl-ispejjes legali kontra l-konvenut inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-12 ta' Frar, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz ta' hlas sad-data tal-hlas effettiv.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------